**M'għedtlek xejn**

Kellimtek bi ħlewwa kbira
Ittrattajtek bl-akbar rispett,
U gadni ma nistax nifhem
Għemilek hekk imqit u skjett.

Kienx għemili bil-wisq nobbli
Li stiednek għall-isbaħ ikla,
Li timmarka t'hawn l-istorja
B'hekk m'għandekx tħossok imfixkla.

L-għadu jara ma’ xiex jaqbad
Jgħawweġ, iqiegħed id-diskors,
L-għaxqa tiegħu jseħħlu jġelled
Minn argument jagħmel il-għors.

Kemm jipprova jifred sewwa
Kemm jilgħab mas-sentimenti,
Mix-xejn igagħlek wisq tibla'
Il-lixka tiegħu f'għadd ta' lmenti.

'Mma taf x'hemm sabiħ f'dan kollu
L'Alla juża s-sensibiltà,
Biha jerġa' jġib il-paċi
Jixgħel in-nar tal-karità.

Għalhekk nitolbu għall-ftehim
Fin-novena tal-abbandun,
Għax biha niksbu l-mogħdrija
Minn nofsna jitkeċċa tal-qrun.

Tibżax, għad terġa' tistabar
Jgħaddi kollox, inkwiet għalfejn?
U fuq kollox għad tintebaħ
Kemm fl-imgħoddi jien m'għedtlek xejn.

Patri Mario Attard OFM Cap
19 ta' Novembru 2023

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.